Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri – Ghawdex)

Imhallef Onor. Anthony Ellul

Il-Gimgha, 8 ta' Lulju 2016.

Appell Numru 40/2014

**Gatt Construction Limited** (appellanti).

**Vs**

**Anthony Muscat u Georgette Muscat** (appellati).

1. L-attrici harrket lill-konvenuti quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ghall-hlas ta' tlett elef disa' u sittin ewro u tmienja u disghin centezmu (€3,369.98) ghall-bejgh u konsenja ta' ramel u konkos.

2. Il-konvenuti wiegbu li l-azzjoni hi preskritta skont l-Artikolu 2148(b) tal-Kodici Civili, u li huma qatt ma xtraw materjal minghand l-attrici.

3. B'sentenza tat-12 ta' Novembru 2015, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar cahad it-talba tal-attrici. Dan wara li osserva li l-hlas pretiz kien fir-realta' dak ghal, *"…. Servizzi ta' skavar u tqattiegh ta' blat rezi mill-kumpannija attrici lill-attur (recte, konvenuti). F'dan il-kaz il-kawzali proposta mill-kumpannija attrici hija ghal kollox differenti minn dak li effettivament jirrizulta mill-provi u fil-verita ma ghandu xejn x'jaqsam mat-talba attrici."*

4. Is-socjeta' attrici appellat mis-sentenza u argumentat:

   i. Ghall-finijiet ta' preskrizzjoni, ghall-kaz in ezami japplika l-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili u mhux l-Artikolu 2148(b). Il-kreditu kien jirrizulta minn operazzjoni kummercjali *sui generis* u l-attrici kienet kisret il-preskrizzjoni.
   ii. Proceduri quddiem it-Tribunal m'ghandhomx l-istess formalizmu bhal proceduri quddiem il-qrati superjuri.

5. Fl-istadju tal-appell, il-konvenuti taw ukoll l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni skont l-Artikolu 2148(a) tal-Kodici Civili. Il-konvenuti wiegbu ghar-rikors tal-appell, fejn taw ir-ragunijiet ghalfejn l-appell kellu jigi michud.

6. Il-qorti rat l-atti u semghet it-trattazzjoni.

7. Mill-provi rrizulta li l-hlas pretiz mill-attrici jitratta dwar tahmil, garr u tqattiegh ta' blat

8. Ghalkemm hu minnu li l-hlas li tippretendi l-attrici m'ghandu x'jaqsam xejn mal-kawzali li tissemma' fl-avviz tat-talba[1], ma kien hemm l-ebda ostakolu li t-Tribunal jiddeciedi dwar kawzali differenti. Kif qalet din il-qorti fis-sentenza **GasanMamo Insurance Agency Ltd vs Joseph Zammit,** tal-10 ta' Ottubru 2004:

*"huwa manifest mid-dispost tal-Artikolu 9 tal-Att V tal-1995 illi t-Tribunal mhux marbut bl-osservanza tal-formalita u allura lanqas ma hu marbut bil-kawzali tal-avviz. Dan wara kollox hu hekk anke fil-kaz tal-Qorti ta' gurisdizzjoni civili ta' sede inferjuri. Ara Artikolu 213, Kapitolu 12"*

Il-qorti ma taqbilx mal-fehma tat-Tribunal li:

*"F'cirkostanzi bhal dawn fejn anke f'din il-kawza qed jirrizulta illi l-pretensjoni attrici hija kompletament diversa minn dak illi qieghed jintalab fil-kawza, dan it-Tribunal ma jistax ikompli jikkunsidra din il-kawza u ser jastjeni minn li jiehu xi decizjoni fuq il-preskrizzjoni."*

It-Tribunal kellu jiddeciedi dwar il-kawzali differenti minn dik li tissemma' fl-avviz tat-talba, salv li jaghti lill-konvenuti l-opportunita' li jiddefendu ruhhom dwar il-kawzali l-gdida. Dan billi jaghti lill-konvenuti l-opportunita' li jipprezentaw twegiba ohra li tkun adattata ghall-kawzali li rrizultat fil-kors tal-provi. Dan peress li minhabba l-kawzali differenti minn dik dikjarata fl-avviz tat-talba, sfumaw fix-xejn l-eccezzjoni li:

i. L-azzjoni attrici hi preskritta skont l-Artikolu 2148(b) tal-Kodici Civili, peress li l-pretensjoni tal-attrici m'ghandha x'taqsam xejn ma' bejgh ta' merkanzija bl-imnut.
ii. Il-konvenuti m'humiex debituri tal-attrici ghaliex *"qatt ma xtraw materjal minghandha, kuntrarjament ghal dak allegat mill-istess socjeta attrici."*

9. Mill-verbal tas-seduta tad-29 ta' Ottubru 2015 (fol. 49), hu evidenti li t-Tribunal kellu l-ewwel jaghti sentenza dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni[2]. Minflok it-Tribunal iddikjara li ma setax ikompli jiehu konjizzjoni tal-kawza minhabba li l-pretensjoni attrici *".... Hija kompletament diversa minn dak illi qieghed jintalab fil-kawza..."* Materja li hu stess iddikjara li kien qieghed iqajjem *ex officio, "... li jwaqqaf ghal kollox l-andament ta' dawn il-proceduri".* Dan minghajr ma ta l-opportunita' lill-partijiet sabiex jaghmlu sottomissjonijiet. Imbaghad it-Tribunal ghadda biex jichad it-talba tal-attrici, meta l-kawza kienet differita biex tinghata sentenza parzjali dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

---

[1] Il-qorti ma taqbel xejn mal-argument tal-attrici li fl-avviz tat-talba l-hlas intalab ghal xoghol. F'paragrafu 1 tal-avviz jinghad car u tond li l-hlas pretiz hu dovut ghaliex *".... is-socjeta rikorrenti bieghet u pprovdiet u kkonsenjat materjal bhala ramel u konkos (ready mix concrete) lill-intimati fuq ordni u inkarigu taghhom stess."* Hu veru li fit-tieni paragrafu jissemmew il-kliem *"servizzi u x-xoghol"*, pero dawn huma kwalifikati bil-kliem ***"hawn fuq imsemmi"***, li fil-paragrafu 1 hu bejgh ta' materjal.

[2] Il-verbal jaqra: *"Il-partijiet jiddikjaraw li l-provi li tressqu huma rigwardanti l-provi tal-preskrizzjoni u jirrizervaw li jressqu provi ulterjuri fil-meritu jekk ikun il-kaz."*

10. Fic-cirkostanzi hemm lok biex tithassar is-sentenza tat-12 ta' Novembru 2015, ghaliex:

   i. Meta l-kawza kienet giet differita ghas-sentenza fuq l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, fis-sentenza t-Tribunal issolleva *ex officio* li l-kawzali dikjarata fl-avviz kienet differenti minn dik li rrizulta mill-provi, u dan minghajr ma ta lill-partijiet l-opportunita' biex jaghmlu sottomissjonijiet dwar din il-materja.

   ii. Ma kien hemm l-ebda ostakolu li t-Tribunal jitratta u jiddeciedi l-kawzali li rrizultat mill-provi, diment li jaghti lill-konvenuti l-opportunita' li jiddefendu ruhhom fuqha. Pero' kellu jaghti lill-konvenuti l-opportunita' li jipprezentaw twegiba ohra. Haga li ma saritx.

11. Ghal dak li jirrigwarda l-eccezzjonijiet tal-preskrizzjoni *ai termini* tal-Artikolu 2148(a) u (b) tal-Kodici Civili, dawn ma japplikawx ghal kaz in ezami ghaliex:

   i. Il-hlas li tippretendi l-attrici m'ghandu x'jaqsam xejn mal-bejgh ta' merkanzija. Ghalhekk ma japplikax l-Artikolu 2148(b) tal-Kodici Civili. F'dan ir-rigward ukoll hi zbaljata l-attrici meta fir-rikors tal-appell qalet li t-Tribunal applika l-Artikolu 2148(b) tal-Kodici Civili. It-Tribunal ma ddecidiex l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni. Tant hu hekk li fis-sentenza qal: *"… **ser jastjeni** minn li jiehu decizjoni fuq il-preskrizzjoni."*

   ii. L-attrici hi ntrapriza kummercjali, li nghatat appalt. Il-Qorti tal-Kummerc f'sentenza tal-14 ta' Ottubru 1954, fil-kawza **Joseph Mizzi nomine vs Joseph Delicata proprio et nomine** (Vol. XXXVIII.iii.710), qalet:

   *'…. skont l-art. 2253(a) (illum art. 2148(a)) tal-Kodici Civili, jaqghu bil-preskrizzjoni bl-eghluq ta' tmintax-il xahar "l-azzjonijiet tal-hajjata, skrapar, mastrudaxxi, bennejja, bajjada, haddieda, argentieri, arluggara u ta' persuni ohra li jahdmu sengha jew arti mekkanika, ghall-prezz tal-opri jew tax-xogholijiet taghhom, jew tal-materjal li jfornu";…. Id-dispozizzjoni tal-ligi kontenuta fl-ittra (a) tal-imsemmi artikolu tal-Kodici Civili tirreferixxi ruhha ghal lokazzjoni ta' opera, li biha l-persuni fuq enumerati jkunu obbligaw ruhhom li jaghtu x-xoghol taghhom, u mhux ghal **locatio operis li biha l-imprenditur jobbliga ruhu li jaghti, mhux ix-xoghol, imma l-prodott tax-xoghol – meta l-lokazzjoni d'opera tkun konnessa ma' organizazzjoni ta' mezzi teknici li timprimi lill-lokazzjoni l-karattru ta' att oggettivament kummercjali."***

   (ara wkoll sentenza ta' din il-qorti fl-ismijiet **Evan Balzan vs Mary Grace** Farrugia, tal-25 ta' Frar 2015). L-attrici hi spekulatur li aktar minn *opra* tat *opus*. Fic-cirkostanzi dak li ghamlet l-attrici u li dwaru tippretendi l-hlas, m'ghandux x'jaqsam mal-Artikolu 2148(a). Ghalhekk l-argumenti li saru dwar interruzzjoni ta' preskrizzjoni huma rrilevanti,

gialadarba l-preskrizzjoni kontemplata fl-Artikolu 2148(a) ma tapplikax ghall-kaz in ezami.

**Ghal dawn il-motivi, thassar is-sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar tat-12 ta' Novembru 2015 u:**

1. **Tichad l-eccezzjoni ulterjuri tal-preskrizzjoni sollevata mill-konventi waqt l-appell. Tichad ukoll l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni a tenur tal-Artikolu 2148(b) tal-Kodici Civili. Spejjez ta' dawn l-eccezzjonijiet a karigu tal-konvenuti.**

2. **Tibghat l-atti lura quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar[3] li ghandu:**

i. **Jaghti l-opportunita' lill-konvenuti sabiex jipprezentaw twegiba bid-difiza taghhom fil-meritu dwar il-kawzali gdida li rrizultat waqt il-gbir tal-provi.**

ii. **Qabel jaghti s-sentenza finali, jaghti lill-partijiet l-opportunita' li jressqu kull prova ohra li ghandhom dwar il-meritu.**

3. **Salv ghal dak li diga' nghad hawn fuq dwar spejjez, il-kumplament tal-ispejjez taz-zewg istanzi jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

(ft.) Anthony Ellul
Imhallef

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur

[3] Din l-ordni qeghda tinghata sabiex il-konvenuta jkollha l-opportunita' tressaq difiza fil-meritu dwar il-kawzali gdida u jinstemghu provi u jigi garantit ukoll li dwar il-meritu l-partijiet jinghataw l-opportunita tad-doppju ezami.